

Skeda Informattiva SBA2010/11

MALTA

| | |
|---|--|
| <p>Skeda Informattiva ta' Malta fil-qosor:</p> <ul style="list-style-type: none"> ✓ Il-mikrointrapriżi għandhom rwol iżjed dominanti milli fi bnadi oħra ✓ L-impjegji fl-SMEs ma żdidux mill-2005 'l hawn ✓ F'2 minn 5 oqsma tal-SBA, Malta taqa' taħt il-medja tal-UE ✓ Fl-2010, ittiegħdet azzjoni importanti ta' politika ġdida fl-oqsma tal-SBA kollha, minbarra 'It-Tieni Ċans' | <p>L-Iskedi Informattivi tal-SBA¹:</p> <p>L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa (SBA) huwa l-inizjattiva ta' politika ewlenija li tappoġġja l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).</p> <p>L-għan tal-Iskedi Informattivi aġġornati annwalment huwa li jtejjeb il-mod ta' kif jinftiehem t-tendenzi riċenti u l-politiki nazzjonali li jolqtu l-SMEs.</p> |
|---|--|

1. SMEs f'Malta – figuri bażiċi

| | Numru ta' Intrapriżi | | | Impjegji | | | Valur miżjud | | |
|----------------|----------------------|---------------|---------------|----------------|---------------|---------------|--------------|---------------|---------------|
| | Malta | UE27 | | Malta | UE27 | | Malta | UE27 | |
| | Numru | Sehem | Sehem | Numru | Sehem | Sehem | Biljun € | Sehem | Sehem |
| Mikro | 33.772 | 95,8% | 92,1% | 39.364 | 34,7% | 29,8% | 1 | 28,9% | 21,6% |
| Żgħar | 1.200 | 3,4% | 6,6% | 24.432 | 21,5% | 20,4% | 1 | 24,7% | 18,9% |
| Ta' daqs medju | 246 | 0,7% | 1,1% | 24.018 | 21,2% | 16,8% | 1 | 19,8% | 17,9% |
| SMEs | 35.218 | 99,9% | 99,8% | 87.813 | 77,4% | 66,9% | 3 | 73,4% | 58,4% |
| Kbar | 48 | 0,1% | 0,2% | 25.640 | 22,6% | 33,1% | 1 | 26,6% | 41,6% |
| Total | 35.266 | 100,0% | 100,0% | 113.453 | 100,0% | 100,0% | 4 | 100,0% | 100,0% |

Stimi għall-2010, ibbażati fuq iċ-ċifri 2002-2007 minn Malta Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. L-istimi ġew prodotti minn Cambridge Econometrics. Id-dejta tkopri l-"ekonomija tan-negozju" li tinkludi l-industrija, il-kostruzzjoni, il-kummerċ, u s-servizzi (NACE Rev. 1.1 Taqsimiet C sa I, K). Id-dejta ma tkoprix l-intrapriżi fl-agrikoltura, fil-forestrija, fis-sajd jew fis-servizzi primarjament mhux tas-suq, bħall-edukazzjoni u s-saħna. Il-vantaġġ li tintuża dejta tal-Eurostat huwa li l-istatistika minn pajjiżi differenti għet armonizzata u hija komparabbli minn pajjiż għal ieħor. L-iżvantaġġ hu li għal xi pajjiżi, din id-dejta tista' tkun differenti minn dejta ppubblikata minn awtoritajiet nazzjonali.

Bl-eċċezzjoni ta' 48 intrapriża kbira, l-ekonomija ta' Malta hi b'mod kwintessenzjali ekonomija ta' negozji żgħar. Barra minn hekk, fis-settur tal-SMEs tagħha jidher li jiddominaw ħafna iżjed il-mikrointrapriżi milli hu l-każ f'pajjiżi oħra tal-UE. Dan huwa kif wieħed jistenna minħabba ċ-ċokon u l-iżolament relattiv ta' din l-ekonomija ta' gżira li tinsab fil-periferija tal-UE. Konsegwentament, f'termini ta' impjegji, l-SMEs Maltin huma fost l-iżgħar fl-UE, u jfaddmu medja ta' 2.5 persuni – kważi 2 inqas mill-medja fl-UE (4.3).

Madankollu, minħabba l-forma ekonomika unika ta' Malta u l-pożizzjoni ġeografika tagħha, huwa iżjed diffiċli li wieħed iqabbel l-istatistika dwar l-SMEs mal-kumplement tal-UE. Wieħed jifhem il-qagħda b'mod iżjed ċar meta jqabbel lil Malta ma' żewġ Stati Membri żgħar oħra, il-Lussemburgu u Ċipru. Bħal Malta, dawn għandhom inqas minn 50 000 SME u għandhom tendenza li jiffukaw fuq is-servizzi (it-turiżmu, is-servizzi ta' negozju, il-kummerċ, eċċ). Madankollu, is-settur tal-SMEs ta' Malta jvarja minn dawk tal-Lussemburgu u ta' Ċipru mill-inqas f'żewġ aspetti. L-ewwel nett, is-segment tal-mikrointrapriżi ta' Malta jidher


li hu ħafna ikbar minn dak taż-żewġ pajjiżi l-oħra; f'Malta biss is-sehem tal-mikrointrapriżi jeċċedi l-medja tal-UE. It-tieni, it-tendenzi fis-snin riċenti juru li Malta tvarja kunsiderevolment miż-żewġ pajjiżi l-oħra.

F'termini tan-numru ta' intrapriżi u tal-valur miżjud, Malta tlaħħaq mar-Repubblika ta' Ċipru jew anke tgħaddiha; iżda fl-impatt fuq l-impjegji, jidher ċar li l-SMEs ta' Malta għad fadlilhom ħafna biex jilħqu liż-żewġ pajjiżi l-oħra.


F'Malta, l-impjegji fin-negozji żgħar huma primarjament dipendenti fuq il-prestazzjoni tal-mikrointrapriżi, u ilhom ivarjaw f'bejn wieħed u ieħor l-istess livelli sa mill-2003. Ċipru u l-Lussemburgu, mill-banda l-oħra, it-tnejn esperenzaw rati ta' tkabbir impressjonanti ta' madwar 20 % jew anki iżjed (fil-każ tal-Lussemburgu) bejn l-2003 u l-2010, fejn l-SMEs ħalqu madwar 25 000 (il-Lussemburgu) u 35 000 (Ċipru) impjeg ġdid. L-istatistika għal popolazzjonijiet żgħar għandha tendenza li tkun iżjed affettwata minn fatturi tekniċi u għandha għaldaqstant tiġi analizzata bil-kawtela, iżda t-tendenzi tal-impjegji jissuġġerixxu b'mod ċar li Malta għad trid tesplojta b'mod sħiħ il-potenzjal inerenti tal-SMEs tagħha.

Tendenzi tal-SMEs f'Malta²


Numru ta' intrapriżi
 (Indiċi: 2005=100, stimi mill-2010 'il quddiem)



Impjegi fl-intrapriżi
 (Indiċi: 2005=100, stimi mill-2010 'il quddiem)




Valur miżjud tal-intrapriżi
 (Indiċi: 2005=100, stimi mill-2010 'il quddiem)



2. Profil tal-SBA ta' Malta

Il-prestazzjoni ta' Malta mqabbla mal-medja tal-UE bil-qasam SBA³



Il-profil SBA ta' Malta jidher pjuttost mhux konsistenti.

F'xi oqsma bħal "Access għall-Finanzjament" u "Ħiliet u Innovazzjoni", il-prestazzjoni tal-pajjiż taqa' taft il-medja


tal-UE. F'oqsma oħra bħal "Intraprenditorija" u "Għajjnuna mill-Istat u Akkwist Pubbliku", Malta tinsab 'il fuq mill-medja.

Dan in-nuqqas ta' konsistenza tal-prestazzjoni japplika wkoll għal tendenzi riċenti: F'nofs is-setturi, is-sitwazzjoni tgiebet fl-2005-2011 u fin-nofs l-ieħor, is-sitwazzjoni marret għall-agħar.


Tista' Malta tiġi kkaratterizzata bħala pajjiż li għadu jipprova jlaħnaq ma' pajjiżi oħra f'termini tal-SBA? Din forsi eżagġerazzjoni: il-figuri disponibbli jissuġġerixxu li sar progress, għall-inqas f'xi oqsma. Madankollu, hu diffiċli li tiġi analizzata l-prestazzjoni tal-SBA ta' Malta b'mod preċiż għax hemm nuqqas ta' informazzjoni f'ħafna oqsma.⁴ Dawn in-nuqqasijiet fid-dejta, inkluż fl-istatistika tal-Eurostat, għandhom jiġu indirizzati fl-interess ta' tfassil ta' politika bbażata fuq il-provi.

Mill-aspett tal-politika⁵, fl-2010-2011 Malta ħadet azzjoni fl-oqsma tal-SBA kollha minbarra t-"Tieni Ċans".

Prestazzjoni SBA ta' Malta: Status quo u żvilupp fl-2005-2011⁶



1. Intraprenditorija




Malta tinsab sew taħt il-medja tal-UE f'dan il-qasam: L-attività intraprenditorjali tagħha u l-interess tan-nies fit-tmexxija ta' negozju hija relattivament modesta meta mqabbla ma' ħafna Stati Membri oħra. L-indikatur ewlieni f'dan ir-rigward, ir-rata tal-intraprenditorija, huwa biss nofs il-medja tal-UE (6 % mqabbla ma' 12 %). Mill-aspett pożittiv, 63 % minn dawh l-impredituri huma 'mmexxija mill-opportunità'. Fi kliem ieħor, bdew in-negozju tagħhom għax verament riedu jagħmlu hekk, u mhux għax ma kienu hemm alternattiva aħjar. Dan hu importanti, għax l-impredituri 'mmexxija mill-opportunità' tipikament jagħmlu iżjed suċċess u n-negozji tagħhom għandhom tendenza li jibqgħu għaddejnin. B'mod globali, Malta ma tidhirx li hi 'post tat-trawwim' perfett għall-impredituri: relattivament ftit nies Maltin iqisuha fattibbli għalihom li jsiru impredituri (19 % meta mqabbla ma' 28 % tal-popolazzjoni adulta tal-UE). Fil-fatt, inqas minn 36 % tal-adulti Maltin verament iridu li jibdew jaħdmu għal rashom. (Iċ-ċifra għall-UE b'mod globali hija ta' 45 %).

Numru ta' indikaturi li jiddeskrivu l-ambjent soċjali fil-pajjiżi tal-UE huma nieqsa għal Malta. Wieħed li hu disponibbli huwa marbut mal-edukazzjoni fl-iskola, u r-riżultati huma pjuttost pożittivi għal Malta: 59 % taċ-ċittadini tagħha li

wiegħbu ħassew li l-edukazzjoni tagħhom fl-iskola kienet fil-fatt għenithom biex jiżviluppaw attitudni intraprenditorjali. (Fl-UE in ġenerali, iċ-ċifra kienet biss ta' 49 %). Madankollu, in-nuqqas ta' dejta tagħmilha impossibbli li wieħed jiġġeneralizza dwar l-ambjent intraprenditorjali f'Malta.

Mill-aspett ta' politika, fl-2010, il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investment (MFEI) introduċa skema li jismha 'Intraprenditorija permezz tal-Edukazzjoni', li l-għan tagħha hu li tippromwovi l-kwalitajiet intraprenditorjali fost l-istudenti. Il-proġett jinkoraġġixxi wkoll lill-għalliema li jifharrgu f'ħiliet intraprenditorjali, u jfittex li jiżgura li s-sistema edukattiva ta' Malta tilħaq il-ħtiġijiet tas-settur tan-negozju. Il-MFEI nieda wkoll skema li tidentifika u tippremja inizzjattivi li jippromwovu l-intraprenditorija jew li jdaħħlu fis-seħħ miżuri li jappoġġjaw in-negozji. L-iskema, magħrufa bħala l-iskema Nazzjonali għall-Għoti tal-Appoġġ lill-Intrapriżi, hija miftuħa għal entitajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet nazzjonali, organizzazzjonijiet kummerċjali, sħubijiet pubbliċi-privati u (bħala kategorija separata) kunsilli lokali. Din l-iskema hija kkunsidrata wkoll bħala l-fażi nazzjonali tal-Premijiet għall-Intrapriża Ewropea

2. It-Tieni ċans




L-uniku indikatur disponibbli għal Malta f'dan il-qasam hu 'Il-livell ta' appoġġ li jippermetti t-tieni ċans', li jpoġġi lil Malta fl-istess pożizzjoni mal-medja tal-UE.

B'konsegwenza ta' dan, ma jistgħu jsiru l-ebda konklużjonijiet ġenerali f'dan il-qasam.

Ma ġew irrapurtati ebda **inizjattivi ta' politika ġdida** sinifikanti f'dan il-qasam fl-2010 u fl-ewwel kwart tal-2011

3. Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir

Piż ta' regolazzjoni tal-gvern (1=piż kbir, 7=mhux piż kbir), 2010; Malta: 3; Medja fl-UE 3.12



Nota: Il-bars tad-dejta li jippuntaw lejn il-lemin juru prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE u l-bars tad-dejta li jippuntaw lejn ix-xellug juru prestazzjoni

L-uniku indikatur disponibbli għal Malta f'dan il-qasam hu il-'Piż ta' regolazzjoni mill-gvern', li juri li Malta tinsab ftit jew wisq konformi mal-medja tal-UE. B'konsegwenza ta' dan, ma jistgħu jsiru l-ebda konklużjonijiet ġenerali f'dan il-qasam.


aġenziji u l-korpi kollha tas-Servizz Ċivili jaderixxu ma' sett ta' 'Parametri għal Eżerċizzji ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati' imfassal mill-Management Efficiency Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. L-għan hu li l-proċessi ta' konsultazzjoni jsiru iżjed effettivi u effiċjenti. Il-konsultazzjoni hi partikolarment importanti biex tiġbor l-opinjoni tal-komunità tan-negozju u tikseb feedback mill-SMEs.

Fir-rigward ta' **miżuri ta' politika** notevoli, il-Gvern introduċa miżura bl-isem ta' 'Żvilupp tal-kapaċità tas-Settur Pubbliku Malti għall-implimentazzjoni ta' Regolazzjoni Aħjar'. Dan għandu l-għan li jnaqqas il-piż amministrattiv, jistabilixxi standards għal korpi regolatorji u jipprovdi taħriġ għall-uffiċjali pubbliċi. Sal-aħħar tal-2011, huwa ppjanat li se jiġu mħarrġa 150 uffiċjal pubbliku u l-Gvern se jibda jfassal standards għar-regolaturi. Barra minn hekk, il-Kunsill Konsultattiv tal-Intrapriżi ġie stabbilit fl-2010 biex iservi bħala forum għad-diskussjoni bejn il-Gvern u n-negozji. Se jingħata bażi legali permezz tal-Att dwar in-Negozji Żgħar (Malta). Fl-2011, is-Segretarju Permanenti Prinċipali (Kap tas-Servizz Ċivili Malti) ħareġ Direttiva bl-isem 'Eżerċizzju ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati'. Din tirrikjedi li l-ministeri, id-dipartimenti, l-

Taħt l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (Malta), 'Test tal-SME' se jevalwa l-impatt ta' leġislazzjoni proposta dwar l-ambjent tan-negozju u se jippermetti li l-Gvern jintroduċi derogi, eżenzjonijiet temporanji u perjodi ta' tranżizzjoni għat-tnaqqis tal-piżijiet u l-ispejjeż għal negozji żgħar. Finalment, l-Att dwar in-Negozji Żgħar (Malta) jirrikjedi perjodu ta' waqfa ta' tmien ġimgħat bejn il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li taffettwa lill-SMEs. Matul dan il-perjodu se jkun hemm kampanji ta' informazzjoni ffukata, u spjegazzjoni tal-leġislazzjoni f'termini li jinftehm u minn kulħadd se tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

4. Amministrazzjoni risponsiva

Disponibbiltà sħiħa online tat-8 servizzi pubbliċi bażiċi għan-negozji ...



Nota: Il-bars tad-dejta li jippuntaw lejn il-lemin juru prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE u l-bars tad-dejta li jippuntaw lejn ix-xellug juru prestazzjoni

F'dan il-qasam ukoll hemm nuqqas sinifikanti ta' dejta. Għal darb'oħra hemm indikatur wieħed biss disponibbli għal Malta: 'Disponibbiltà sħiħa online tat-8 servizzi pubbliċi bażiċi għan-negozji'. Malta tinsab 'il fuq mill-medja tal-UE f'dan ir-rigward, iżda ma hemmx bażi biżżejjed li fuqha jistgħu jtfasslu konklużjonijiet ġenerali.

kummerċ sabiex iżjed l-effiċjenza għall-SMEs fil-kuntest tal-operazzjonijiet kummerċjali.

Mill-aspett tal-politika, permezz tal-Baġit għall-2010, il-Gvern ħabbar li se jirrevedi s-sistema ta' liċenzjar tal-


L-Att dwar in-Negozji Żgħar (Malta) se jgħin biex jiżgura li n-Negozji jistgħu jieħdu sehem fit-tfassil ta' politika permezz tal-Kunsill Konsultattiv tal-Intrapriżi. Se jgħin ukoll biex jiżgura li r-regolaturi jaħdmu flimkien biex joffru servizzi iżjed effiċjenti lin-negozji u li jirrispondu għall-

ħtiġijiet tal-klijenti tagħhom permezz ta' sondaġġi regolari tas-sodisfazzjon tal-konsumaturi.

L-Att dwar is-Servizzi (Suq Intern) u l-Avviżi legali 495/6-2010 ittrasponew id-Direttiva dwar is-Servizzi fil-Liġi Maltija. Dan issimplifika l-ħajja għall-imprendituri li jixtiequ jibdew negozju ġdid.

Finalment, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi, ġiet proposta miżura bl-isem ta' 'In-Negozju l-Ewwel' biex tiffunzjona bħala punt waħdieni ta' kuntatt. Din se tkun amalgamata fiċ-ċentru tal-appoġġ għan-negozji li se jiġi mwaqqaf mill-Malta Enterprise sal-aħħar tal-2011 biex joffri soluzzjoni f'punt waħdieni ta' servizz li jilħaq firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tan-negozju.

5. Għajnuna mill-istat u l-Akkwist pubbliku




Nota: Il-bars tad-dejta li jippuntaw lejn il-lemin juru prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE u l-bars tad-dejta li jippuntaw lejn ix-xellug juru prestazzjoni inqas

Anki f'dan il-qasam, hemm xi informazzjoni statistika nieqsa għal Malta, u l-istatistika disponibbli ma tiżvela l-ebda tendenza ċara. Mill-aspett pożittiv, is-sehem tal-valur totali tal-kuntratti pubbliċi mogħtija lill-SMEs f'Malta (61 %) kien ħafna ogħla mill-medja tal-UE (38 %). Mill-aspett negattiv, fl-2009 ngħatat biss 0.3 % tal-għajnuna mill-istat f'Malta lill-SMEs, meta mqabbla ma' 6.9 % fl-UE in ġenerali. Madankollu, peress li kważi l-intrapriżi kollha f'Malta huma SMEs, is-sehem kbir tagħhom ta' kuntratti

pubbliċi mhuwix sorprendenti, filwaqt li ċ-ċifra baxxa ta' għajnuna mill-istat hi dovuta għall-fatt li ħafna miżuri ta' għajnuna mill-istat ma jiddistingwixxux bejn SMEs u ricevitori oħra. Finalment, id-disponibbiltà tas-servizzi tal-akkwisti elettroniċi hi konformi mal-medja tal-UE.

Mill-aspett tal-politika, strateġija ta' akkwisti elettroniċi qed tiġi stabbilita bħalissa mid-Dipartiment tal-Kuntratti u l-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika ta' Malta (MITA). Din għandha tiġi implimentata sal-aħħar tal-2011.

6. Aċċess għall-finanzi



Nota: Il-bars tad-dejta li jippuntaw lejn il-lemin juru prestazzjoni aħjar

ħafna indikaturi f'dan il-qasam huma nieqsa. B'konsegwenza ta' dan, ma tista' ssir l-ebda evalwazzjoni

fir-rigward ta' xi sottotaqsimiet tal-finanzi imporanti bħall-aċċess għall-kapital ta' riskju jew fluss tal-flus. Dawk li


jifdlu jiffukaw fuq żewġ aspetti: aċċess għal kreditu u s-sehem tal-SMEs ta' programmi ta' appoġġ iffinanzjati mill-UE. Fir-rigward tal-kreditu, l-istampa hija konsistenti, i.e. l-erba' indikaturi disponibbli ma jurux b'mod ċar jekk, in ġenerali, huwiex iżjed faċli għal SME f'Malta li jikseb self bankarju. Mill-aspett pożittiv, il-marġini kummerċjali għal self iżgħar (i.e. taħt il-€1 miljun) meta mqabbel ma' dawk ikbar hu ferm iżgħar f'Malta (13 %) milli fl-UE in ġenerali (24 %). Dan ifisser li hu komparattivament irħas li wieħed jieħu self żgħir f'Malta. Mill-aspett negattiv, il-klassifikazzjoni taħt il-medja għall-appoġġ pubbliku (inklużi garanziji) hi kwistjoni ta' tħassib, b'mod speċjali peress li din hi kwistjoni li taqa' direttament taħt il-kontroll tal-Gvern. Dan japplika wkoll għall-ammont ta' appoġġ li jieħdu l-SMEs minn fondi strutturali u reġjonali tal-UE. Fuq iż-żewġ indikaturi, Malta tikklassifika b'uħud mill-iżjed marki baxxi fost il-pajjiżi tal-UE. Għall-fondi reġjonali l-appoġġ huwa biss 2.8 % (meta mqabbel ma' 22 % għall-UE in ġenerali), u fil-każ tal-fondi strutturali huwa żero.

Mill-aspett tal-politika, Malta qed ittejjeb b'mod attiv is-sitwazzjoni finanzjarja għall-SMEs.

Pereżempju, "JEREMIE Microcredit" huwa fond partikolarment adattat għal negozji li għadhom jibdew u intrapriżi żgħar li qed ifittxu l-innovazzjoni jew biex ikabbru. L-intrapriżi jistgħu japplikaw għal self għal varjetà ta' proġetti li jinkludu t-teknoloġija ambjentali, inizjattivi għaż-żieda tal-valur, jew azzjoni li tistabbilixxi preżenza online. Fl-2010 u l-2011, in-negozji ż-żgħar li jfaddmu inqas minn 10 impjegati, inklużi kumpaniji magħmulin minn persuna waħda, jistgħu jirċievu 40 % kreditu tat-taxxa sakemm itejbu l-faċilitajiet jew il-post tagħhom, jinvestu f'teknoloġija u f'makkinarju ġodda, itejbu l-livell tal-operat tagħhom jew joħolqu impjegi ġodda. Il-kreditu tat-taxxa hu miżjud għal 60% għall-intrapriżi li joperaw f'Għawdex. Din l-iskema, bl-isem ta' "Microinvest" hija spjegata b'iżjed dettall fit-Taqsim B tar-rapport.

Finalment, hemm miżura oħra introdotta mill-Malta Enterprise flimkien mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni li hi magħrufa bħala "Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Dħul minn Drittijiet tas-sid minn Privattivi". Din toffri l-kreditu tat-taxxa għal privattivi offruti f'Malta jew barra mill-pajjiż lill-applikanti eliġibbli .

7. Suq uniku




Nota: Il-bars tad-dejta li jippuntaw lejn il-lemin juru prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE u l-bars tad-dejta li jippuntaw lejn ix-xellug juru prestazzjoni inqas

Ma kien hemm ebda indikaturi dwar il-prestazzjoni kummerċjali tal-SMEs disponibbli għal Malta. Madankollu, Malta tinsab 'il quddiem meta mqabbla ma' ħafna pajjiżi sħab tal-UE fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE fil-liġi nazzjonali biex b'hekk trawwem il-kundizzjonijiet għal suq intern funzjonali. B'mod partikolari, m'hemmx direttivi li t-traspożizzjoni tagħhom fil-liġi Maltija ilha li suppost saret b'sentejn jew iżjed.

Mill-aspett tal-politika, fl-2010 il-Malta Enterprise implimentat miżura li għandha l-għan li tipprovdi servizzi ta' kkworċjar personalizzat lin-negozji, sabiex twessa' u ttejjeb l-operazzjonijiet tagħhom. Diġà kienet teżisti verżjoni eqdem ta' din l-iskema, iżda kien hemm bżonn ta' emendi u l-iskema tnediet mill-ġdid formalment fl-2010.

8. Filiet u innovazzjoni



Nota: Il-bars tad-dejta li jippuntaw lejn il-lemin juru prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE u l-bars tad-dejta li jippuntaw lejn ix-xellug juru prestazzjoni inqas


Din hi waħda mill-ftit oqsma fejn hemm sett komplut ta' indikaturi disponibbli għal Malta, u ċarament juru li, in general, Malta tinsab taħt il-medja tal-UE f'dan il-qasam. L-ikbar raġuni għal dan hi li l-SMEs Maltin jidhru li għadhom lura iżjed mill-kontropartijiet tagħhom fl-UE f'termini ta' innovazzjoni (ara l-ewwel f'ames indikaturi fiċ-ċart t'hawn fuq). L-unika eċċezzjoni hija l-bejgħ ta' innovazzjonijiet ġodda fis-suq jew ġodda għall-intrapriża. L-iżvilupp tat-taħriġ u l-filiet ukoll għadhom lura, kif jissuġġerixxu l-indikaturi għal 'Taħriġ ta' intrapriżi' u 'Parteċipazzjoni tal-impjegati fl-edukazzjoni u t-taħriġ'. F'Malta, fl-2009, 46 % tal-mikrointrapriżi biss ipprovdew taħriġ għall-impjegati tagħhom: il-medja tal-UE kienet iżjed minn 58 %. L-unika ħaġa pożittiva f'dan il-qasam hu l-użu ta' mezzi elettroniċi għat-tmexxija tan-negozju: il-perċentwal ta' kummerċ tal-SMEs online kien konformi mal-medja tal-UE jew ftit 'il fuq minnha.

Mill-aspett tal-politika, ittiegħu diversi miżuri importanti fl-2010-11. L-ewwel nett, ġew introdotti 'Gruppi ta' Riċerka u Żvilupp' sabiex jinkoraġġixxu lill-intrapriżi biex jaħdmu flimkien fi gruppi innovattivi. L-applikanti eliġibbli huma intitolati għall-għajjnuna għall-investment, u għajjnuna operattiva għall-organizzazzjoni ta' gruppi. It-tieni, il-Malta Enterprise bdiet tipprovdri servizzi ta' "inkubazzjoni tan-negozju" lil negozji ġodda innovattivi ħafna. It-tielet, fl-2011, il-Gvern alloka €1.1 miljun għall-implimentazzjoni tal-programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Nazzjonali. Ir-raba', il-Gvern ħabbar tnaqqis fit-taxxa ta' 15.2 % fuq investment fi proġetti ta' riċerka approvati mill-MFEI u l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST). Finalment, ġie stabbilit it-Trust Fund tal-Università ta' Malta għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Iżvilupp biex jinkoraġġixxi r-riċerka u jgħin biex jinstabu applikazzjonijiet kummerċjali u industrijali għal dik ir-riċerka.

9. Ambjent

Distanza mill-medja tal-UE
(imkejlja f'devjazzjonijiet standard, medja ta-UE=0)

Innovazzjonijiet ma' benefiċċji ambjentali, 2008; Malta: 0.03%; Medja fl-UE 0.04%



Nota: Il-bars tad-dejta li jippuntaw lejn il-lemin juru prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE u l-bars tad-dejta li jippuntaw lejn ix-xellug juru prestazzjoni inqas

Fil-qasam tal-'Ambjent' hemm biss indikatur wieħed disponibbli, jiġifieri s-sehem ta' intrapriżi żgħira u ta' daqs medju li jipproduċu l-innovazzjonijiet ma' benefiċċji ambjentali għall-intrapriżi u/jew għall-utent finali. B'konsegwenza ta' dan, ma jistgħux isiru konklużjonijiet ġenerali f'dan il-qasam.

Mill-aspett tal-politika, sabiex isir użu sħiħ tal-appoġġ disponibbli għal prodotti li ma jagħmlux ħsara għall-

ambjent skont il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Gvern iddedika €15 miljun għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli u ta' effiċjenza tal-enerġija. Taħt din l-iskema, l-intrapriżi jistgħu jirborż ta' 50 % tal-ispejjeż li jagħmlu fuq l-investment approvat f'soluzzjonijiet tal-iffrankar tal-enerġija u f'teknoloġiji ta' enerġija alternattiva.

10. Internazzjonalizzazzjoni

F'dan il-qasam hemm nuqqas totali ta' informazzjoni statistika komparabbli dwar Malta. B'konsegwenza ta' dan, ma tista' tiġi prodotta l-ebda ċart ta' klassifikazzjoni.. Madankollu hemm ċertu ammont ta' informazzjoni dwar l-**inizjattivi politiċi ewlenin** li ttieħdu f'dan il-qasam fl-2010-11.

Fl-ewwel kwart tal-2011, il-Malta Enterprise (ME) fasslet programm — "Passaġġ għall-Esportazzjoni" — biex jinkoraġġixxi u jassisti l-mikrointrapriżi u n-negozji żgħira bl-isforzi tal-esportazzjoni tagħhom, u biex jgħinomi ifasslu Pjan ta' Preparazzjoni u Implimentazzjoni għall-Esportazzjoni. Il-programm jgħin ukoll lil dawk l-impreditori biex jevalwaw jekk humiex lesti jew le li jidħlu fi swieq ta' esportazzjoni ġodda, u għandu l-għan li jagħtihom il-kompetenzi u l-kunfidenza biex jagħmlu suċċess fis-suq internazzjonali.

Barra minn hekk, jinsab għaddej proġett ta' studju dwar il-franchising biex janalizza u jidentifika l-potenzjal ta' SMEs lokali għall-internazzjonalizzazzjoni tan-negozju tagħhom. Tista' tingħata għaqda ta' appoġġ finanzjarju u ta' pariri lill-intrapriżi li l-prodott jew is-servizz domestiku tagħhom jista' jsir franchising tiegħu f'pajjiżi oħra. L-intrapriżi li għandhom

liċenzja ta' franchise għal ditti barranin jistgħu jiġu megħjuna wkoll biex jespandu n-negozju tagħhom barra mill-pajjiż. Il-Malta Enterprise temmen li dan il-kunċett ta' franchise jista' jintuża wkoll biex jgħin lill-SMEs lokali jkabbri n-negozju tagħhom internazzjonalment.

Barra minn hekk, il-Malta Enterprise għandha l-għan li tippromwovi l-kummerċ internazzjonali billi tistieden intrapriżi lokali biex jieħdu sehem f'delegazzjonijiet kummerċjali, fieri tal-kummerċ u avvenimenti ta' senserija. L-għan hu li jiġi promoss in-netwerking u li l-intrapriżi Maltin jiġu mħeġġa biex jikkollaboraw fi ħdan l-ambjent kummerċjali internazzjonali. Il-Malta Enterprise tipprowdi servizzi addizzjonali ta' appoġġ transnazzjonali permezz tan-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi.

Diversi servizzi ta' informazzjoni ġew stabbiliti wkoll biex jagħtu pariri lill-SMEs lokali dwar il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE, l-innovazzjoni u l-aċċess għas-suq.

3. Prattika tajba

Sabiex nuru x'jagħmel fil-fatt il-Gvern biex jippromwovi lill-SMEs, qed ninkludu eżempju ta' prattika tajba.

Microinvest hi skema li tappoġġja lill-mikrointrapriżi u lill-individwi li jaħdmu għal rashom. Din l-iskema hi meqjusa bħala prattika tajba għax tindirizza speċifikament lill-mikrointrapriżi – li jammontaw għal madwar 95 % tan-negożji Maltin u jħaddmu madwar 40 % tal-forza tax-xoġhol.

L-iskema hi speċifikament indirizzata biex tgħin lill-mikrointrapriżi jinvestu fl-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom u joħolqu l-impjegji ġodda. L-iskema tagħtihom kreditu tat-taxxa ekwivalenti għal massimu ta' 40 % tan-nefqa eliġibbli tagħhom, sa massimu ta' € 25 000. 20 % addizzjonali oħra huma disponibbli għal mikrointrapriżi bbażati f'Għawdex, li jiffaċċjaw ostakli addizzjonali għall-kummerċ minħabba l-iżolament doppju ta' Għawdex.

Il-kreditu tat-taxxa jistgħu jintużaw biex:

- isir tiġdid, jew titjib ta' bini jew investiment f'bini għan-negożju;
- isir xiri jew titjib ta' vetturi kummerċjali, xiri ta' makkinarju ġdid jew teknoloġija ġdida li jtejbju l-operazzjonijiet jew jiġġeneraw l-enerġija;
- jikkompensaw l-ispiża li tintnefaq biex intrapriża tikkonforma mar-regolamenti bħall-istandards tas-saħħa u s-sigurtà;
- isir ħlas tal-pagi ta' impjegati ġodda u apprendisti, li mhux bilfors ikunu full-time. Permezz tas-sussidjar tal-pagi b'dan il-mod, l-iskema tgħin lill-mikrointrapriżi biex joħolqu impjegji ġodda.

L-iskema tnediet f'Jannar 2010 u se tkompli sal-aħħar tal-2011. Hi mmexxija mill-Malta Enterprise, l-aġenzija responsabbli għall-promozzjoni tal-investiment barrani u l-iżvilupp industrijali f'Malta.

Dwar l-Iskedi Informattivi tal-SBA

L-Iskedi Informattivi tal-Att dwar in-Negożji Żgħar (SBA) huma prodotti minn DG ENTR bħala parti mir-Reviżjoni tal-Prestazzjoni tal-SME (SPR) li hi l-vettura ewlenija tiegħu li tipprovdi analiżi ekonomika tal-kwistjonijiet tal-SMEs. L-Iskedi Informattivi jgħaqqdu l-aħħar informazzjoni statistika u politika disponibbli għas-27 Stat Membru tal-UE u 10 pajjiżi oħra mhux tal-UE li jikkontribwixxu wkoll għall-[Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni](#) (CIP). L-Iskedi Informattivi – prodotti annwalment – jgħinu biex tiġi organizzata l-informazzjoni disponibbli sabiex tiffaċilita – evalwazzjonijiet tal-politika tal-SMEs u jgħinu fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-SBA. Dawn mhumiex evalwazzjoni tal-politiki tal-Istat Membru iżda għandhom jitqiesu bħala sors addizzjonali ta' informazzjoni ddisinjat biex itejjeb it-tfassil tal-politika bbażata fuq il-provi. Pereżempju, l-Iskedi Informattivi jikkwotaw biss dawk il-miżuri ta' politika meqjusa bħala rilevanti għall-esperti tal-politika tal-SMEs lokali. Dawn ma jirriflettux il-miżuri kollha meħuda mill-gvern tul il-perjodu ta' referenza, u lanqas jistgħu jagħmlu dan. Tinstab aktar informazzjoni dwar il-politika fuq dejtbejż aċċessibbli mill-websajt tal-SPR. Jekk jogħġbok ara n-noti tat-tmiem fil-paġna ta' wara.

Għal iżjed informazzjoni

Reviżjoni tal-Prestazzjoni tal-SMEs:

http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm

Att dwar in-Negożji Żgħar

http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/small-business-act/index_en.htm

Il-Portal Ewropew għan-Negożji Żgħar:

http://ec.europa.eu/small-business/index_en.htm

Entr-SPR@ec.europa.eu

¹ L-Iskedi Informattivi SBA 2010-2011 ibbenefikaw sostanzjalment minn input miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea f'Ispra, l-Italja. Il-JRC għamel titjib qawwi fl-approċċ metodoloġiku, fil-ħidma statistika fuq is-sett tad-dejta u fil-preżentazzjoni viżiva tad-dejta.

² It-tliet graffs hawn taħt jiddeskrivu t-tendenza matul iż-żmien għall-elementi varjabbli. Dawn jikkonsistu f'valuri ta' indiċi għas-snin sa mill-2005, bis-sena bażi 2005 stabbilita f'valur ta' '100'. Sa mill-2010, il-graffs juru stimi tal-iżvilupp matul iż-żmien, ibbażati fuq iċ-ċifri tal-2005-2009 mill-baży tad-dejta tal-istatistika strutturali tan-negozju Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika Malta. L-istimi ġew prodotti minn Cambridge Econometrics. Id-dejta tkopri 'l-ekonomija tan-negozju' li tinkludi l-industrija, il-konstruzzjoni, il-kummerċ, u s-servizzi (NACE Rev. 1.1 Taqsimiet C sa I, K). Id-dejta ma tkoprix l-intrapriżi fl-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd jew is-servizzi primarjament mhux tas-suq, bħall-edukazzjoni u s-saħħa. Metodoloġija dettaljata tista' tiġi kkonsultata minn: http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm.

³ Iċ-ċart tar-radar tal-SBA tindika l-pożizzjoni relattiva ta' pajjiż individwali fir-rigward tal-medja tal-UE għall-oqsma differenti tal-SBA. Il-valuri individwali jirrappreżentaw medji fl-indikaturi kollha disponibbli għal dan il-qasam. L-iskala hi minn '0' (minimu jew 'l-aġħar fil-kategorija tal-UE-27') għal '1' (massimu jew 'l-aħjar fil-kategorija'). Il-medja tal-UE tinsab bejn dawn l-estremi u huma indikati f'faxxa griża fiċ-ċart. Il-medja tal-qasam għall-prinċipju 9 ("ambjent") hija nieqsa għall-pajjiżi kollha minħabba nuqqas ta' dejta.

⁴ Għandu jiġi osservat li mhux l-oqsma kollha li għalihom id-dejta hi nieqsa huma fil-kontroll sħiħ tal-Gvern jew tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-istatistika. Pereżempju, id-dejtabejżis tal-OECD ma jinkludux statistika dwar Malta sempliċiment għax Malta mhijiex membru tal-OECD.

⁵ Il-miżuri politiċi ppreżentati f'din l-Iskeda Informattiva tal-SBS jistgħu jkunu biss għażla tal-miżuri meħuda mill-Gvern fl-2010 u fl-ewwel tliet xhur tal-2011. L-għażla saret mill-espert tal-pajjiż tal-politika tal-SMEs ikkuntrattat minn Ecorys (il-kuntrattur ewlieni ta' DG ENTR għall-Iskedi Informattivi 2010-2011). L-esperti ġew mitluba biss li jagħżlu dawk il-miżuri li, fil-fehma tagħhom, kienu l-iżjed importanti, jiġifieri kienu mistennija li jkollhom l-ogħla impatt fil-qasam speċifiku tal-SBA. Il-firxa kompluta ta' miżuri li l-esperti għabru fil-qafas tal-produzzjoni tal-Iskedi Informattivi ta' din is-sena se jiġu ppubblikati fil-forma ta' dejtabejż ta' politika fuq il-websajt tad-DG ENTR flimkien mal-Iskedi Informattivi.

⁶ Iċ-ċart kwadrant jikkombina żewġ settijiet ta' informazzjoni: l-ewwel nett juri l-prestazzjoni tal-*istatus quo* bbażata fuq dejta għall-aħħar snin disponibbli. Din l-informazzjoni hija indikata fuq l-assi-X imkejjel f'devjazzjonijiet standard tal-medja aritmetika sempliċi, mhux ippeżata għall-UE-27. Il-kuritur vertikali mmarkat b'linji bit-tikek jiddefinixxi l-medja tal-UE. It-tieni, jiżvela l-progress matul iż-żmien, jiġifieri r-rati tat-tkabbir annwali medji għall-perjodu 2005-2011. Ir-rati tat-tkabbir huma dawk tal-individwu li minnhom huma magħmula l-medja tal-oqsma differenti tal-SBA. Għaldaqstant, il-pożizzjoni ta' medja ta' qasam partikolari tal-SBA fi kwalunkwe wieħed mill-4 kwadranti tipprovdi mhux biss informazzjoni dwar l-*istatus quo* dwar fejn jinsab il-pajjiż f'dan il-qasam tal-SBA b'mod relattiv mal-bqija tal-UE f'punt partikolari fiż-żmien, iżda wkoll id-daqs tal-progress li sar fil-perjodu 2005-2011.